

Kitba ta' Mario Fenech

# Id-Devozzjoni lejn San Ġużepp fir-Raħal ta' Ħal Tarxien

Huwa fatt magħruf sew li fil-gżejjer Maltin id-devozzjoni lejn il-Qaddis Patrun tal-Knisja Universali San Ġużepp hija waħda mifruxa sew u xhieda ta' dan, huma l-għadd kbir ta' artali u statwi li nsibu fil-knejjes, ismijiet ta' toroq u statwi tal-ġebel fil-pjazez u f'niċeċ fit-toroq.

Fir-raħal ta' Ħal Tarxien, fejn l-istorja teħodna lura sew fis-snin, id-devozzjoni lejn San Ġużepp minn dejjem kienet waħda qawwija tant li llum f'dan ir-raħal nsibu numru ta' niċeċ bl-istatwa ta' San Ġużepp, altar u fratellanza ma' statwa fil-knisja parrokkjali.

Imorru lura lejn l-1 ta' Marzu 1624 meta b'Digriet mogħti mill-Isqof Mons. Don Baldassare Cagliares żewġt irġiel li kienu Ġulju Veneziano u Ġulju Galdes ġew mogħtija l-aħħar kappella li kienet in-naħa tal-bieb tal-ġenb u li kienet iddedikata San Ġużepp. Dawn bdew jieħdu ħsieb din il-kappella u waqqfu legat ta' tliet skudi fis-sena biex tkun tista' ssir il-festa. Tliet snin wara, jiġifieri fl-1627 ħadu ħsieb li jsir kwadru fuq dan l-artal. Dan il-kwadru kien hemm fih il-Familja Mqaddsa u snin wara kien ġiet inkluża fil-kwadru l-figura tal-Missier Etern. Għalkemm ma nafux eżatt min għamel dan il-kwadru, bosta huma dawk li jattribwixxu dan ix-xogħol lill-Artist Francesco Zahra.

Fuq dan l-istess artal b'digriet ta' l-Isqof Fra Paolo Alpheran de Bussan ta' nhar is-17 ta' Settembru 1748 kienet ġiet imwaqqfa s-Sodalità ta' Ġesù Bambin.

Tkompli tinfirex id-devozzjoni lejn San Ġużepp madwar ir-raħal kollu fejn matul is-snin twaqqfu diversi niċeċ li fihom tpoġġiet għal qima tal-fidili l-istatwa ta' San Ġużepp. Fost dawn, waħda f'kantuniera fi Triq San Ġużepp bejn Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Hawnhekk il-Qaddis narawh qiegħed jerfa' lil Ġesù Bambin b'idu l-leminija. Din in-niċċa kienet saret lejn nofs is-seklu dsatax. F'niċċa oħra li tinsab fi Triq Santa Tereża naraw lill-qaddis qiegħed imexxi minn idu lill-Bambin Ġesù bħalma narawh fl-istatwa ta' San Ġużepp li tintuża fil-festa ta' Ħal Għaxaq. Saret fis-sena 1903, kienet inġiebet mill-Kalkara u kull sena kienet tintrama b'mod xieraq għall-festa tal-qaddis nhar id-19 ta' Marzu. Fi Triq Santa marija niltaqgħu ma' statwa ta' San Ġużepp li tixbaħ ħafna lil dik li ħadem Abraham Gatt għall-kolleġġjata ta' Bormla. In-niċċa ġiet mibnija ma' l-istess dar li tinsab magħha mill-familja Grima fil-bidu tas-seklu għoxrin.



*L-artal ta' San Ġużepp – parroċċa Ħal Tarxien*

Statwa li tinsab fi Triq Paola ma' faċċata ta' dar privata quddiem Villa Lanzon. Saret lejn nofs is-seklu għoxrin u hemm min jgħid li dak li kien jieħu ħsiebha kien dawwarha bid-dawl elettriku eżatt kif dan kien twassal lejn ir-raħal fis-sena 1926.

Quddiem il-knisja parrokkjali tal-Lunzjata ma' dar privata naraw niċċa sabiħa maħduma f'għamla tonda bi statwa ħelwa ħafna fiha. San Ġużepp jidher qiegħed iżomm minn idejh lil Ġesù Bambin filwaqt li dan narawh jipprova jiġbed l-attenzjoni tal-Qaddis biex jerfgħu. Fi skrizzjoni li hemm ma' din in-niċċa naqraw li l-Isqof Don Mauro Caruana fl-1915 kien ta' 100 Jum Indulġenza lil kul min jitlob quddiem din ix-xbieha.

Nistgħu ngħidu li l-aktar statwa riċenti li saret ta' dan il-qaddis fir-raħal ta' Ħal Tarxien insibuha fi Triq ix-Xintill fejn naraw li l-istatwa kienet tpoġġiet nhar l-ewwel ta' Mejju tas-sena 1991. Qabel f'din in-niċċa ma kien hemm l-ebda statwa. Jingħad li sid id-dar minn dejjem xtaq li jpoġġi fiha statwa tas-S.S.M.U. Salvatur iżda għal xi raġuni dan qatt ma rnexxielu jagħmilha, sakemm imbagħad Indrì Bonavia li kien sar is-sid il-ġdid tad-dar ġab statwa mingħand id-Ditta *Silver Craft Limited* u poġġieha fin-niċċa biex din tbierket mill-Kappillan tal-parroċċa Dun Walter Cauchi nhar l-1 ta' Mejju 1991.

Dwar San Ġużepp f'Ħal Tarxien hemm wisq aktar xi tgħid, fost dawn il-Fratellanza tal-Qaddis u l-Knisja ta' San Ġużepp fost l-oħrajn. Dwar dan jekk il-Bambin irid nikteb f'ħarġa oħra ta' dan il-ktieb.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**